**204. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**KIRI TA' BINI MAGĦRUF BĦALA EX- NAAFI BAKERY FIL- MARSA**

**LILL- AIR SUPPLIES & CATERING COMPANY LIMITED**

Billi l-Gvern tar- Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Air Supplies & Catering Company Limited il bini magħruf bħala ex-NAAFI Bakery fil-Marsa, deskritt aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il- Mejda tal- Kamra, għaż- żmien, bil-kera u taħt il- kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsb fil- paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal- Gvern li art li tkun proprjetà tal- Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini magħruf bħala ex-NAAFI Bakery fil-Marsa, jista' jiġi mogħti lill-imsemmija kumpannija, Air Supplies & Catering Company Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

30.07.1979